

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (Il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-6 ta' April 2010 — Johan van Leendert Holding BV vs Minister van Sociale Zaken en Werkgelegenheid**

(Kawża C-158/10)

(2010/C 161/33)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Johan van Leendert Holding BV.

Konvenut: Minister van Sociale Zaken en Werkgelegenheid.

**Domandi preliminari**

L-Artikoli 56 u 57 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik li tinsab fl-Artikolu 2 tal-Wet arbeid vreemdelingen moqri flimkien mal-ewwel parti tal-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 1(1)(c) tad-digriet li jeżegwixxi din il-liġi, li teżiġi l-ħruġ ta' permess ta' impjeg għall-kollokament ta' ħaddiema fis-sens tal-ewwel parti tal-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 96/71/KE <sup>(1)</sup>?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjeg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Frankfurt am Main (il-Ġermanja) fit-2 ta' April 2010 — Gerhard Fuchs vs Land Hessen**

(Kawża C-159/10)

(2010/C 161/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht Frankfurt am Main.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Gerhard Fuchs.

Konvenut: Land Hessen.

**Domandi preliminari**

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Hessisches Beamtengesetz dwar il-limitu obbligatorju tal-età tal-irtirar tal-uffiċjali, huma bbażati fuq interess ġenerali skont il-kriterji tad-dritt tal-Unjoni?

F'dan ir-rigward, jitqajmu fuq kollox is-segwent domandi partikolari:

X'inhuma r-reqwiżiti speċifiċi li għan bħal dan ta' interess ġenerali għandu jissodisfa fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni? X'aspetti oħra għandhom jiġu eżaminati mill-qorti tar-rinviju sabiex jiġu ċċarati l-fatti?

L-interess li jiġu ekonomizzati r-riżorsi tal-baġit u li jiġu llimitati l-ispejjeż tar-riżorsi umani — f'dan il-każ li jiġi evitat reklutaġġ sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-persunal — jammonta għal għan leġittimu fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78/KE <sup>(1)</sup>?

L-għan ta' entità pubblika li tħaddem li tippjana sa ċertu punt l-irtirar tal-uffiċjali jista' jiġi kkunsidrat bħala għan leġittimu ta' interess ġenerali, anki meta kull entità pubblika li tħaddem suġġetta għall-HBG jew għall-Beamtenstatusgesetz tista' tiżviluppa u tapplika l-pjanijiet tagħha f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tar-riżorsi umani?

Jista' l-interess ta' "tqassim favorevoli skont il-faxxa ta' età" jew ta' "struttura favorevoli skont l-età" ikun għan ta' interess ġenerali, anki fin-nuqqas tad-dispożizzjonijiet legali jew tar-regoli ġenerali fuq dak li huwa mixtieq fil-qasam tal-faxxa ta' età jew struttura skont l-età?

Jista' l-ftuħ tal-possibilitajiet tal-promozzjoni għall-uffiċjali jiġi kkunsidrat bħala għan leġittimu ta' interess ġenerali fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2000/78/KE?

Inkwantu għandu bħala għan li jevita dispuți ma' persuni iktar anzjani dwar jekk għadhomx tajbin sabiex jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom, limitu tal-età għandu għan leġittimu ta' interess ġenerali?